# 40. Il-Għanja taċ-Ċaqliq

Smajt il-għanja tal-għejun
imfawrin,
ħafna sriebet ma’ xulxin,
qishom pizzi tal-bizzilla
bajdanija
li jinqalbu
għal ġo vaska sewdenija.

Smajt il-għanja wkoll tas-siġar:
ċedru w pin,
pjoppi w ċawsri ma’ xulxin,
jagħmlu toroq imsaqqfin
twal tal-ħdura,
fejn il-vari bojod kina
ta’ ġol-ġnien iżidu ż-żina.

Smajt il-għanja wkoll tal-mewġ,
li b’elf barri wild il-fewġ
sejjer jaħrat wiċċ ix-xmara
sa ma tasal fuq ix-xifer,
u tinħall fil-gliegel bojod qalb ir-ragħwa taċ-ċarċara;
wiċċ ix-xmara
twil u twil mal-pontijiet,
miexi qalb il-boskijiet,
sa jintefa’ ġewwa l-baħar
f’għaqda kbira ferreħija,
bajdanija.

Smajt it-tlieta
u t-tlieta kellhom
għanja waħda ta’ tħaxwixa,
xix… xix… xix…
għanja waħda ta’ ċaqliqa,
ta’ taħrika,
li mill-bidu tal-ħolqien
sejra tmewweġ ġewwa l-ġnien,
ġewwa x-xmara
ġol-għejun u ġoċ-ċarċara,
bl-armonija,

daqqa mbiegħda, daqqa spiss,
kif imiss.

Mort il-għada u t-tlieta kellhom
l-istess għanja
xix… xix… xix…
u jekk jersaq xi poeta
elf sena oħra
jisma' l-għanja tal-egħjun
u tas-siġar u tax-xmara,
jerġa' jara
l-istess mewġ,
jerġa' jisma' l-istess fewġ
xix… xix… xix…

Xix… xix… xix…
sa mill-bidu tal-ħolqien;
u li kieku għal xi żmien
din il-għanja ta' tħaxwixa,
ta' ċaqliqa,
ta' taħrika,
kellha tieqaf,
kien ikollna baħar qiegħed,
b'ħafna dud u b'ħafna ntiena,
siġar sofor b'weraq ħżiena,
kiek ikollna mhux biss skiet,
imma mwiet.

Xix… xix… xix…
jalla tibqa' ma' kull żmien !
jalla tkun dejjem dewwiem !
mingħajr tmiem !
Amen, Amen, Amen !

*Napli, 10 t'Ottubru 1947*